**IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tnejn, 9 ta' Diċembru 2019**

**Talba Numru 168/2019SFJ**

***Citadel Insurance plc (C21550) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata tagħha Catherine Micallef bil-polza u bil-liġi u l-istess Catherine Micallef, ta' 26, Casa Borgo, Triq is-Suq, Floriana***

***vs.***

***Julian Cucciardi (139293M)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fil-1 ta' Lulju 2019 li permezz tiegħu l-atturi ippremettew u talbu li dan l-istess Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallashomis-somma ta' erba' mija u tmienja u ħamsin Ewro u tlettax-il ċenteżmu (€458.13) rappreżentanti danni sofferti wara li l-konvenut ikkaġuna ħsara volontarja fuq il-vettura FBW948 proprjetà tal-attriċi Catherine Micallef u assigurata mis-soċjetà assiguratriċi attriċi bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjai 1202/15 u 1260/17 u bl-imgħax legali mit-2 ta' Ġunju 2015 sad-data tal-pagament effettiv.

Ra li fl-udjenza tal-4 ta' Novembru 2019 deher il-konvenut mingħajr assistenza legali, ta ruħu b'notifikat u xehed.

Sema' x-xhud, qara d-dokumentazzjoni kollha ippreżentata u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għad-9 ta' Diċembru 2019.

**Provi ippreżentati u konsiderazzjonijiet ta' dan it-Tribunal**

It-Tribunal osserva li fix-xhieda tiegħu fl-4 ta' Novembru 2019 il-konvenut spjega li kien jinsab inkarċerat fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, ammetta li kien debitur tal-atturi fl-ammont u għar-raġunijiet indikati fl-Avviż tat-Talba u wiegħed li jħallas l-ammonti relattivi hekk kif ikun skarċerat. Il-konvenut spjega li fil-fehma tiegħu, huwa kellu jkun skarċerat fit-23 ta' Diċembru 2019.

Oltre l-ammissjoni ċara tal-konvenut, it-Tribunal qara d-dokumentazzjoni ippreżentata in sostenn tal-Avviż tat-Talba, fosthom il-*Current Incident Report* datat 11 ta Lulju 2013, l-*Insurance Survey Report* u anki l-provi li kienu ġew ippreżentati ż-żewġ ittri uffiċjali msemmija fl-Avviż tat-Talba.

Għaldaqstant it-Tribunal jidhirlu li t-talba kif dedotta hija sodisfaċentement ippruvata u timmerita li tkun milqugħa.

**Deċide**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talbiet kollha tal-atturi u b'hekk jikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma ta' erba' mija u tmienja u ħamsin Ewro u tlettax-il ċenteżmu (€458.13) bl-imgħax u bl-ispejjeż kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

It-Tribunal jordna li l-imgħaxijiet jiġu ikkalkulati mit-2 ta' Ġunju 2015 'il quddiem, jiġifieri mid-data tan-notifika tal-ewwel ittra uffiċjali.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenut.

**Avv. Juliana Scerri Ferrante**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**